MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1513/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**George Galea**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' mitejn tnejn u ghoxrin lira maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm222.56) in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21676492, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz f'l-14 ta' Settembru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas s-somma ta' mitejn tnejn u ghoxrin lira maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm222.56) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------